Fact Sheet

# Dwar Carers Victoria

Carers Victoria hija l-unika organizzazzjoni mal-istat kollu li tikkonċentra prinċipalment dwar dawk li jieħdu ħsieb oħrajn fil-familja. Ir-rwol ewlieni tagħna huwa li nirrappreżentaw l-interessi ta' dawk li jieħdu ħsieb oħrajn u naqbżu għad-drittijiet tagħhom fil-livelli kollha tal-gvern u provdituri ta' servizzi. Noffru wkoll informazzjoni u sapport, pariri u edukazzjoni.

## Min hija persuna li tieħu ħsieb xi ħadd?

Persuna li tieħu ħsieb xi ħadd tipprovdi ħarsien mingħajr ħlas u sapport għal membru tal-familja jew ħabib/ħabiba li jkollu diżabilità, mard mentali jew kundizzjoni kronika. Il-persuna li tkun taħt il-ħarsien tista' tkun tifel/tifla, ġenitur li jkun dieħel fl-età, ħabib/ħabiba jew il-mara/raġel.

## X'toffri Carers Victoria lil dawk li jieħdu ħsieb oħrajn?

## Pariri u sapport

Pariri huma li titkellem ma' xi ħadd li jkun jista' jgħinek biex tagħmel differenza fir-rwol tiegħek li tieħu ħsieb xi ħadd u fil-ħajja tiegħek. Li tfittex pariri mhux sinjal ta' falliment, li ma tkunx tista' tkampa jew li tħossok inadegwat. Huwa li tieħu ħsieb tiegħek innifsek ukoll – inkella kif tista' tagħti l-aħjar ħarsien lill-persuna li tħobb jew li jkollok responsabilità tagħha?

Pariri jistgħu jingħataw bl-Ingliż u f'39 lingwa oħra minbarra l-Ingliż.

Jistgħu jsiru bit-telefon jew wiċċ imb wiċċ. Bħalissa dan huwa servizz b'xejn għal dawk li jieħdu ħsieb oħrajn.

Tista' tikseb sapport ukoll permezz ta' informazzjoni u għajnuna tajba fi problemi speċifiċi, bħal kif tikseb il-Carer Payment (Ħlas lil Min Jieħu Ħsieb xi Ħadd) jew Carer Allowance (Għajnuna Finanzjarja lil Min Jieħu Ħsieb xi Ħadd).

Dawn is-servizzi jagħtu prijorità kbira lill-konfidenzjalità għal dawk li jieħdu ħsieb oħrajn.

## Gruppi ta' sapport għal dawk li jieħdu ħsieb oħrjan

Is-servizz etniku speċifiku fil-lokal tiegħek jista' joffri gruppi ta' sapport għal dawk li jieħdu ħsieb oħrajn fil-komunità tiegħek, jew Carers Victoria tkun tista' tgħinek biex tikkuntattja grupp viċin fejn toqgħod.

Gruppi ta' sapport għal dawk li jieħdu ħsieb oħrajn huma ta' għajnuna kbira għal dawk li jieħdu ħsieb xi ħadd. Huma post fejn dawk li jieħdu ħsieb oħrajn iħossuhom mifhuma u jkunu jistgħu jaqsmu bejniethom x'qed jiġri fir-rwol tagħhom li jieħdu ħsieb xi ħadd u jistgħu jitgħallmu mill-esperjenza ta' xulxin. Il-laqgħat tal-grupp flimkien joffru brejk u serħan milli jieħdu ħsieb xi ħadd. Hemm attivitajiet soċjali jew edukazzjonali bil-għan li jgħinu lil min jieħu ħsieb xi ħadd fir-rwol tiegħu ta' ħarsien. Xi gruppi huma ġenerali u xi wħud huma ffurmati skont kundizzjoni partikulari, pereżempju l-marda tal-Parkinson's, mard mentali.



Carers Victoria, Level 1, 37 Albert Street (PO Box 2204) Footscray VIC 3011
P 03 9396 9500 F 03 9396 9555 E cav@carersvic.org.au

ABN 12 533 636 427 INC NO A0026274M
www.carersvic.org.au

## Edukazzjoni

Carers Victoria toffri programm ta' edukazzjoni mal-istat kollu għal dawk li jieħdu ħsieb oħrajn. Dawn huma mfassla biex jgħinu lil dawk li jieħdu ħsieb oħrajn biex ikunu jistgħu jieħdu ħsieb saħħithom u l-istat tajjeb tagħhom, biex iżommu l-enerġija tagħhom għar-responsabbiltajiet biex jieħdu ħsieb xi ħadd, u jkollhom ukoll xi kwalità ta' ħajja għalihom stess. Infasslu l-programmi tagħna għall-bżonnijiet speċjali ta' gruppi jekk ikun hemm bżonn. Jekk inti membru ta' grupp ta' sapport għal dawk li jieħdu ħsieb oħrajn, itlob lill-faċilitatur tiegħek biex jikkuntattja lil Carers Victoria biex ifassal programm.

Dan huwa servizz b'xejn għal dawk li jieħdu ħsieb oħrajn. F'xi ċirkustanzi, jista' jkun hemm ħlas.

**Għas-servizzi kollha tagħna ċempel: Freecall 1800 242 636***

## Servizzi reġjonali ta' respite (serħan għal min jieħu ħsieb xi ħadd)

X'inhu respite? Huwa brejk milli tieħu ħsieb xi ħadd – ħin biex tistrieħ, tirrileksja bl-attività favorita tiegħek jew tkompli mal-ħbieb. Hemm disa' servizzi reġjonali ta' respite f'Victoria. Jistgħu jgħinuk f'respite ta' emerġenza, respite fid-dar jew matul il-ġurnata f'ċentru jew respite fit-tul fejn il-persuna li tkun qed tieħu ħsieb tkun f'kura residenzjali.

L-iskop ta' respite huwa li jgħinek iżżomm bilanċ fil-ħajja tiegħek bħala persuna li tieħu ħsieb xi ħadd. Li tieħu ħsieb xi ħadd joffri ħafna affarijiet pożittivi għal dawk li jieħdu ħsieb oħrajn – ferħ li żżomm il-persuna d-dar, l-aħjar ħarsien, intimità aktar fil-fond. Imma jista' jkun xogħol iebes ukoll, ta' stress u jista' jwassal għal nuqqas ta' saħħa jekk ma tittiħedx kura. Brejks regulari li tieħu milli tieħu ħsieb xi ħadd huma essenzjali għalik biex tkompli tipprovdi ħarsien u biex ikollok ftit kwalità ta' ħajja għalik.

**Freecall: 1800 052 222***

**Telefonata b'xejn minbarra minn telefon ċellulari.*

## Sapport finanzjarju

## Ħlasijiet ta' Centrelink biex jissapportjaw lil dawk li jieħdu ħsieb oħrajn huma:

Carer Payment (Ħlas lil Min Jieħu Ħsieb xi Ħadd) huwa miżura ta' sapport tad-dħul li jsir skont is-sitwazzjoni finanzjarja tiegħek, fejn persuna li tieħu ħsieb xi ħadd ma tkunx tista' tkompli taħdem full-time minħabba r-responsabbiltajiet ta' ħarsien. Jekk tkun eliġibbli, jistgħu japplikaw konċessjonijiet oħra bħal għajnuna tat-telefon jew għall-kera. Titħallas kull ħmistax.

Carer Allowance (Għajnuna Finanzjarja lil Min Jieħu Ħsieb xi Ħadd) ma ssirx skont is-sitwazzjoni finanzjarja tiegħek u huwa ammont żgħir ta' flus għal xi ftit mill-ispejjeż involuti fil-ħarsien ta' xi ħadd fid-dar. Rapport minn professjonista tas-saħħa huwa meħtieġ meta tapplika. Jitħallas kull ħmistax.

Ċempel Carers Victoria għal parir f'dak li għandu x'jaqsam ma' mili ta' formuli ta' applikazzjoni.

## Centrelink: 13 12 02